**14 ta' Marzu, 1984**

**Imhallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Grazio Cassar

*versus*

Michael Camilleri

**Żgumbrament - Qbiela**

*Talba għall-iżgumbrament miċħuda għaliex irriżulta titolu ta' qbiela.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fit-23 ta' Awissu, 1982, fejn Grazio Cassar qiegħed iħarrek lil Michael Camilleri biex jidher quddiem l-istess Qorti u hemm jgħid għaliex ma kellux jiġi kkundannat li fi żmien qasir u perentorju, *li kellu jiġi ffissat, jiżgombra mill-porzjoni raba' magħrufa* "Ta' l-Iskarpell", fil-limiti ta' Marsaskala, li l-konvenut qed jokkupa mingħajr titolu legali, liema għalqa kienet imqabbla għand l-attur: għall-finijiet tal-kompetenza ġie ddikjarat illi l-valur lokatizzju ta' l-għalqa ma jeċċedix il-Lm5 fis-sena; bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Lulju, 1982, kontra l-konvenut li kien inġunt għas-subizzjoni:

Rat in-nota ta' l-istess Michael Camilleri pprezentata fl-1 ta' Settembru, 1982, li biha eċċepixxa, preliminarjament, illi bejn il-kontendenti ġa kien hemm kawża ta' spoll dwar l-istess porzjoni raba' u għaldaqstant il-proċeduri ta' dik il-kawża ma setgħux jitmexxew qabel l-eżitu ta' l-*actio spolii*, u fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-attur Grazio Cassar hu inkwilin u għalhekk ma setax jistitwixxi azzjoni għal żgumbrament li tispetta biss lis-sid, u fit-tielet lok, li huwa kien fil-pussess ta' l-għalqa *de quo* għal aktar minn tletin sena u minn dejjem ħallas il-qbiela u għalhekk qiegħed fiha b'*titolu ta'* subinkwilinat;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 1983, fejn, wara li l-istess Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għaliex dina kienet ġiet minnu rtirata u wara li ċaħdet bħala infondata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess Grazio Cassar ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 1983, u l-petizzjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju, 1983, fejn huwa talab li l-imsemmija sentenza tiġi rrevokata u minflok jiġu milqugħin it-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Michael Camilleri ppreżentata fid-9 ta' Ġunju, 1983, fejn ġiet mitluba l-konferma ta' l-istess sentenza, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li hemm esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Joseph Zammit Maempel għall-attur appellant u ta' l-Avukat Grazio Mercieca għall-konvenut appellat;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-provi illi t-territorju sħiħ "ta' l-Iskarpell" huwa illum imqabbel lill-attur, li s-subentra fil-qbiela għal missieru Salvatore Cassar, illum mejjet. Parti minn dina l-għalqa ilha f'idejn l-appellat almenu dawn l-aħħar tmienja u tletin sena; dina l-parti għandha l-kejl ta' ċirka tomna u, kif xehed l-istess appellat, għaliha kien iħallas qbiela fil-bidu, lil ċertu Grezzju Cassar, u wara, lil Salvatore Cassar; dina l-qbiela baqgħet titħallas minnu sa l-1979 ċirka, għaliex f'dak iż-żmien Salvatore Cassar ma riedx ikompli jirċievi iżjed flus. Minn dak iż-żmien 'il quddiem il-qbiela tqiegħdet il-Qorti; u dana kellu jsir għaliex lanqas Grazio Cassar, is-suċċessur ta' Salvatore Cassar fl-inkliwinat ta' l-għalqa intiera, ma ried jaċċetta ħlas ta' qbiela. L-appellat jissokta jixhed li riċevuta ma ħa qatt għal dak li kien ħallas, u li kien jaf li l-imsemmi Salvatore Cassar qatt ma kien jagħti riċevuta f'idejn is-subinkwilini l-oħra ta' l-istess għalqa;

L-appellat xehed u qal, fost ħwejjeġ oħra, dan li ġej: "Naf li (Michael Camilleri) jaħdem biċċa minn dan it-territorju ta' ċirka tomna. Però, mhux qiegħed iħallas xejn qbiela. La jiena ma qiegħed nirċievi qbiela u anqas missieri (Salvatore Cassar) ma kien jirċievi safejn naf jien";

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Michael Camilleri ma ġietx realment skossa mix-xhieda mogħtija mill-appellant, u minn Rosario Cassar, xhud prodott minnu. Anzi, jista' jingħad bla tlaqliq ta' xejn, illi d-deposizzjoni ta' l-istess Camilleri hija kkorroborata minn dik ta' Carmelo Busuttil, li xehed li diversi biċċiet mill-għalqa mlaqqma "ta' l-Iskarpell" kienu subaffittati lil nies differenti u li ma kinitx tingħata riċevuta għall-qbiela imħallas, u minn dik ta' Carmelo Ciantar, li xehed li Michael Camilleri kien ilu

jaħdem ir-raba' ċirka ħamsa u tletin sena (ara xhieda a fol. 16 tal-process mogħtija fl-20 ta' Diċembru, 1982). Mhuwiex mil-lewn id-dinja, wara kollox, li bniedem jitħalla għaldaqstant żmien jaħdem biċċa għalqa mingħajr ma jħallas għal dana l-godiment; u dana iżjed u iżjed meta għal dik il-biċċa għalqa jkun qiegħed iħallas qbiela ħaddieħor

F'dan l-istat ta' l-affarijiet, it-tielet eċċezzjoni ssollevata mill-istess Michael Camilleri għandha titqies li ġiet sostnuta bil-provi;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara illi Michael Camilleri jiddetjeni l-porzjoni *de quo* mir-raba' magħruf bħala "ta' l-Iskarpell" fil-limiti ta' Marsaskala, b'titolu ta' qbiela mingħand l-inkwilin ta' l-istess, u għalhekk tiċħad l-appell ta' l-imsemmi Grazio Cassar u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fit-23 ta' Mejju, 1983; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.